Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Rapport Annwali 2014

Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# Rapport Annwali 2014

ISBN: 978-99957-831-8-1

# Werrej


| | |
|---|---|
| Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv | 4 |
| Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 6 |
| Premju Nazzjonali tal-Ktieb | 9 |
| ISBN | 14 |
| Il-Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ | 15 |
| Inizjattivi Oħra | 16 |
| Rapport Finanzjarju | 22 |
| Appendiċi (Lista ta' Kotba) | 23 |

# Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv

L-2014 kienet sena eċċitanti ħafna għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Meta mqabbel mar-rapport tas-sena ta' qabel, li kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu minn mindu twaqqaf il-Kunsill fl-2001, ir-rapport tal-2014 żgur li se jkun aktar informattiv u dan għaliex mill-2013 'l hawn, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wessa' l-istruttura u l-ħidma tiegħu b'ritmu mgħaġġel.

Minn meta nħtart f'Lulju tal-2013, rajt lill-Kunsill jimmatura u minn kumitat żgħir b'baġit insinifikanti jinbidel f'istituzzjoni stabbilita bi strutturi professjonali li qegħdin dejjem jikbru. L-isforzi tagħna biex ikollna baġit akbar sa fl-aħħar qed jagħtu l-frott u sadanittant, l-inizjattivi tal-Kunsill qed jikbru mil-lat ta' kwalità u jiżdiedu mil-lat ta' frekwenza.

Huwa biss bis-saħħa ta' dan it-tkabbir strutturali li l-Kunsill issa jista' jwettaq ħidmietu u jesegwixxi l-policies tiegħu b'mod effettiv. Ma nistgħux nemmnu li nistgħu nipprovdu servizz ta' kwalità jekk ma nkunux mgħammrin tajjeb biżżejjed biex nagħmlu l-affarijiet b'mod professjonali; u għalhekk bir-raġun fl-2014 l-ewwel ma għamilna kien li ksibna baġit akbar biex ninvestu f'inizjattivi kulturali u b'hekk żidna l-ispejjeż tal-operat kif ukoll impjegati kwalifikati. Bis-saħħa ta' dan qed jirnexxilna nlaħħqu mad-deadlines u nwettqu l-obbligi tagħna fil-ħin.

Aħna nemmnu li dan huwa żmien eċċitanti għall-kotba f'Malta. Mhux biss sena wara l-oħra qed naraw aktar kotba interessanti bil-Malti jiġu ppubblikati, kemm f'dik li hi kitba ta' rakkonti immaġinarji kif ukoll fejn tidħol kitba msejsa fuq ir-realtà, iżda qed naraw ukoll aktar awturi lokali jesportaw xogħlijiethom lil hinn minn xtutna. L-istatistika turi li l-qarrejja u l-konsum privat tal-kotba qed jiżdiedu filwaqt li aktar kotba ta' awturi barranin qed isibu ruħhom fuq l-ixkafef ta' pajjiżna. Is-suq tal-kotba lokali huwa żgħir iżda bil-mod il-mod qed jikber u jagħmel progress u aħna, filwaqt li nagħtu appoġġ kontinwu lill-awturi u l-pubblikaturi, nixtiequ naraw lill-Kunsill isir kontributur ewlieni fl-iżvilupp kulturali u edukattiv tas-soċjetà tagħna.



Ix-xogħol matul din l-aħħar sena kien intensiv u rigoruż minn diversi lati. Diġà saret riforma estensiva fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u żgur li se nkomplu nirfinaw f'dan ir-rigward; il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb għamel avvanzi kbar biex minn "fiera" sar avveniment sinifkanti ta' kultura u edukazzjoni; fl-2014 tlesta x-xogħol biex tidħol fis-seħħ is-Sistema tad-Drittijiet tas-Self Pubbliku, bl-ewwel pagamenti jinħarġu lill-awturi fil-bidu tal-2015; u tkompliet il-kollaborazzjoni importanti fil-qasam tal-Premju Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ. Dawn huma wħud mill-aktar avvenimenti importanti li jaqgħu taħt il-Kunsill. Madankollu matul l-2014 sar ħafna xogħol ieħor biex fl-2015 ikun hemm inizjattivi ġodda mill-Kunsill.

Barra minn hekk, fl-2014 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sar kontributur ewlieni fl-istrateġija nazzjonali tal-gvern dwar il-litteriżmu. Dan billi ħadem id f'id mal-iskejjel biex jipprovdilhom materjal għall-qari li tant kien meħtieġ, tahom kotba ġodda għal-libreriji tagħhom, u uża l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb bħala pjattaforma eċċellenti għal inizjattivi edukattivi marbutin ma' din l-istrateġija, fosthom l-iskema ta' premjijiet bl-isem "Reading Champions".

Aħna naħdmu id f'id ukoll mal-istakeholders fl-industrija tal-kotba u spiss ikollna laqgħat ta' konsultazzjoni magħhom biex nesploraw ideat għall-ġejjieni, filwaqt li niżguraw li nżommu l-appuntamenti u norganizzaw tajjeb il-ħidma tagħna f'kollaborazzjoni ma' diversi dipartimenti, entitajiet u istituzzjonijiet ministerjali u governattivi. Il-pjan tagħna hu li nżommu u nsaħħu dawn ir-rabtiet għax irridu nikkollaboraw biex jiġu indirizzati l-lakuni kulturali li hemm fil-qasam tal-kotba u l-qari. Għalhekk aħna ferħanin li l-Gvern tassew qed jieħu l-qasam tal-kotba bis-serjetà. Wara snin ta' abbandun fejn jidħlu policy u appoġġ finanzjarju, issa qed naraw qawmien mill-ġdid fejn b'ħafna entużjażmu qed jingħata appoġġ lill-industrija lokali tal-kotba.

Biħsiebna nkomplu bl-isforzi tagħna kemm fir-rigward ta' lobbying mal-Gvern kif ukoll biex nibqgħu nagħtu servizz dejjem aħjar. Aħna nemmnu li jekk il-Gvern jibqa' jagħti l-appoġġ tiegħu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jkollu effett sinifikanti u pożittiv fuq is-suq lokali tal-kotba u fuq is-soċjetà Maltija kollha.

# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hu magħmul minn:

**Kap Eżekuttiv**
Mark Camilleri

**Deputat Kap**
Charles Calleja

**Segretarju**
Joe Debattista

**Assistenti Segretarji**
Maria Muscat
Michael Mercieca

**Membri tal-Kunsill**
Charles Flores
Christine Vella Borda
Clare Azzopardi
Joanne Sciberras
Saviour Sammut
Sergio Grech
Steve Borg
Trevor Zahra

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jista' jiġi kkuntattjat hawn:**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Il-Librerija Pubblika Ċentrali
Triq J.Mangion
Il-Furjana
FRN 1800
Malta
UE

**Telefown:**
+356 21222654

**Email:**
joe.debattista@gov.mt
maria.e.muscat@gov.mt

**www.ktieb.org.mt**

# Festival Nazzjonali tal-Ktieb




Madwar 30,000 ruħ żaru l-festival tal-ktieb tas-sena li għaddiet u l-awturi u l-pubblikaturi kellhom pjattaforma eċċellenti biex jippromovu l-aktar xogħlijiet riċenti tagħhom. Ġew organizzati aktar minn 50 avveniment kulturali u edukattiv mill-pubblikaturi, l-awturi, għaqdiet mhux governattivi u l-Kunsill innifsu. Dawn minbarra l-avvenimenti li saru għat-tfal tal-iskola li żaru l-festival filgħodu. Mal-2,500 tifel u tifla bbenefikaw mill-book vouchers ta' €2 li ngħatawlhom f'dawn iż-żjarat.

Il-programm edukattiv tal-festival għat-tfal tal-iskola tfassal mis-sottokumitat tal-Kunsill immexxi minn Patrick Decelis, bis-sehem taċ-Ċentru għal-Litteriżmu tal-Università ta' Malta mmexxi minn Charles Mifsud kif ukoll tad-Drama Unit tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Dan il-programm jikkontribwixxi fl-Istrateġija Nazzjonali għal-Litteriżmu u se jkun hemm aktar investiment fih fis-snin li ġejjin.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ma baqax jitfassal fuq il-mudell ta' fiera li kellu qabel iżda sar avveniment kulturali ta' stoffa. Aħna nixtiequ nżommu u nsaħħu l-aspett kummerċjali tal-Festival, iżda minflok nagħmlu dan billi nagħtuh bixra ta' "bazaar", nixtiequ nibdlu l-Festival f'avveniment kulturali u edukattiv sinifikanti għal nies ta' kull età. Għalhekk il-Festival jagħti prijorità lil esibituri li jaġixxu bħala aġenti kulturali; jiġifieri pubblikaturi aktar milli distributuri u bejjiegħa tal-kotba. Madankollu qed inħeġġu wkoll lill-bejjiegħa u d-distributuri tal-kotba biex ikollhom kotba interessanti u ta' kwalità li hawn domanda għalihom, aktar milli jġibu biss paperbacks ta' kwalità inferjuri mir-Renju Unit. Aktar minn hekk, biex inkomplu ninkoraġġixxu u ngħinu lill-pubblikaturi, qed nagħtu lilhom u lil għaqdiet mhux governattivi sussidji u appoġġ ħalli jkunu jistgħu jorganizzaw avvenimenti u jieħdu sehem fil-Festival. Dawn il-policies għenu biex jiżdied il-valur kulturali tal-Festival filwaqt li jkompli jissaħħaħ l-aspett kummerċjali.

Il-Festival huwa avveniment iffinanzjat minn fondi pubbliċi u l-ħlas tal-esebituri biex jieħdu sehem bilkemm ikopri nofs l-ispejjeż tal-Festival. Għall-2014 sar titjib fil-posti tal-festival u ġew innegozjati aktar servizzi u prodotti mal-kuntrattur tal-posti b'tali mod li l-ispiża reali tal-postiżdiedet filwaqt li l-prezzijiet għall-esebituri baqgħu l-istess bħall-prezzijiet diġà mraħħsin tas-sena ta' qabel, u f'xi każijiet








traħħsu saħansitra aktar. L-ammont ta' spazju meħud mill-esebituri żdied sostanzjalment mis-sena ta' qabel u kollox ma' kollox l-esebituri qegħdin dejjem juru iżjed inizjattiva fil-preżentazzjoni ta' posti aktar attraenti u ddisinjati aħjar.

Żdiedet ukoll il-parteċipazzjoni tal-barranin fil-Festival meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Il-parteċipazzjoni barranija s-sena li għaddiet kienet tikkonsisti f'ħanut tal-kotba Franċiż, kontinġent ta' pubblikaturi Sqallin, kif ukoll żjarat minn lekċerer Portugiż, awtur Franċiż u diversi awturi oħra Taljani. L-għan tagħna hu li nibqgħu nappoġġjaw u ninkoraġġixxu l-parteċipazzjoni barranija, għax nemmnu bis-sħiħ li din tgħin biex jiżdied il-valur kulturali globali tal-Festival innifsu. Il-parteċipazzjoni barranija tagħti lok għal aktar kollaborazzjoni, tispira l-bidla u twessa' l-orizzonti għax-xena lokali. Min-naħa tagħhom, il-parteċipanti barranin dejjem ikunu ħerqana biex jitgħallmu aktar dwar is-suq Malti tal-kotba li qiegħed dejjem jikber.

Il-Festival tas-sena li għaddiet serva bħala pjattaforma biex il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iniedi l-proġett letterarju-viżiv ġdid u eċċitanti tiegħu. Film qasir, imsejjes fuq "Laqgħa ma' Mara Morbi" - novella ta' Immanuel Mifsud, ġie dirett u prodott minn Martin Bonnici ta' Shadeena Films b'kollaborazzjoni ma' ONE u ntwera għall-ewwel darba waqt il-Festival. Dan il-proġett serva bħala mezz biex jikkonvinċi lill-Public Broadcasting Services, stazzjonijiet televiżivi u djar tal-produzzjoni ħalli jibdew ixandru u jipproduċu sensiliet u films imsejsin fuq stejjer ippubblikati minn awturi lokali. Fl-2015 il-Kunsill u l-PBS se jkunu qed iniedu din l-inizjattiva fuq livell nazzjonali. Dan billi se jsir konkors għal scripts ibbażati fuq stejjer ippubblikati lokalment u l-aħjar script jiġi prodott u mxandar fuq TVM.

Saru wkoll studji dwar postijiet alternattivi biex fihom jibda jsir il-Festival u ġew analizzati fil-fond diversi possibbiltajiet. Għalkemm dan huwa suġġett kumpless li jinvolvi bosta aspetti tekniċi, qed nagħmlu taħditiet u dibattiti kontinwi dwar kif nistgħu nespandu l-Festival u nagħtuh dimensjonijiet ġodda.

Ninsabu sodisfatti ħafna bir-riżultat tal-Festival tas-sena li għaddiet, u nemmnu wkoll li l-Festival se jkompli jikber. Madankollu aħna determinati li naħdmu saħansitra aktar biex inkomplu nkattru l-popolarità ta' dan l-avveniment annwali tal-kotba.

# Lista ta' dawk li ħadu sehem fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tal-2014:

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ/KLABB KAFÈ

AHMADIJA MUSLIM JAMAAT MALTA

AMBAXXATA FRANĊIŻA/LA BOCCHERIE BOOKSHOP

BOOK DISTRIBUTORS LTD (BDL)

BOOKENDS

BOOKMARK

BRONK PRODUCTIONS

RIVER OF LOVE CHRISTIAN FELLOWSHIP

CLIOBOOKS

DEER PUBLICATIONS

DOM COMMUNICATIONS LTD

FARAXA PUBLISHING

FRANNY JO/VERSAGĦTINI

FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES

GĦAQDA POETI MALTIN

GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÁ

HERITAGE MALTA

HORIZONS

IREAD COMPANY

KITE GROUP LTD

KOTBA ARGO

KUNSILL LOKALI MELLIEĦA

MALTA EVANGELICAL LIBRARY

MALTA UNION OF TEACHERS (MUT)

MELI BOOKSHOP

MERLIN LIBRARY

MERLIN PUBLISHERS LTD

PAULINE BOOKS AND MEDIA

SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS)

SIERRA BOOK DISTRIBUTORS

THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND

UPTREND PUBLISHING

WISE OWL PUBLICATIONS

WISE OWL BOOKSHOP

BARGAIN BOX

ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA li jirrappreżenta lil:

AULINO EDITORE

BONFIRARRO EDITORE

CAVALLOTTO LIBRERIE

EDIZIONI EPSIL

LIBRIDINE

EDIZIONI LUSSOGRAFICA

LOMBARDI EDITORI

GIUSEPPE MAIMONE EDITORE

MORRONE EDITORE

EMMANUELE ROMEO EDITORE

VERBAVOLANT EDIZIONI

# Premju Nazzjonali tal-Ktieb



Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa avveniment kbir li fih jingħata għarfien uffiċjali lil uħud mill-aqwa kotba ppubblikati lokalment matul is-sena ta' qabel, f'ċerimonja li ssir fil-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru.

Fl-2014 il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għadda minn riforma estensiva. Inbidlu r-regolamenti tal-Premju u, għall-ewwel darba, ġew stabbiliti kriterji professjonali u akkademiċi dwar l-aġġudikazzjoni sabiex tiżdied il-fiduċja f'dan il-premju prestiġjuż. Inbidel ukoll id-disinn tat-trofew bħala parti minn dan il-pass 'il quddiem.

L-aġġudikazzjoni tinkludi proċess ta' skwalifika għal sottomissjonijiet li ma jissodisfawx ir-regolamenti, imbagħad issir evalwazzjoni retta tal-kotba kollha. Il-kotba jiġu diskussi mill-ġudikanti f'laqgħat li għalihom jattendu l-ġudikanti kollha u d-deċiżjonijiet jittieħdu f'dawn il-laqgħat. Mis-sena li għaddiet ġie introdott stadju ġdid fil-proċess tal-aġġudikazzjoni: it-tqassir tal-lista tan-nominati, li jwassal għall-istadju finali tal-aġġudikazzjoni li jiddetermina min huma r-rebbieħa f'kull kategorija.

Għall-ewwel darba s-sena li għaddiet ġew allokati fondi biex ir-rebbieħa tal-lista mqassra jitħabbru onlajn u fil-gazzetti. Għall-ewwel kwart tal-2015 hemm ippjanat aktar reklamar onlajn tal-kotba li rebħu premju. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtri regolarment il-kotba rebbieħa tas-sena ta' qabel kif ukoll il-kotba tan-nominati fil-lista mqassra biex dawn imorru fil-libreriji pubbliċi u l-pubbliku ġenerali jkollu aċċess għalihom.

Ir-regolamenti jinsabu onlajn fis-sit uffiċjali tagħna: ktieb.org.mt

u s-sejħa għas-sottomissjonijiet ġeneralment issir f'Marzu jew April.

# In-nominati fil-lista mqassra tas-sena li għaddiet kienu:







***Proża Letterarja (Rumanzi bil-Malti)***

**George Bush f'Malta**

**Alfred Sant**

**SKS**

**What happens in Brussels stays in Brussels**

**Ġużè Stagno**

**Merlin Publishers**

**Fil-Mergħat tal-Impossibbli**

**John Bonello**

**Merlin Publishers**

**L-Eżodu taċ-Ċikonji**

**Walid Nabhan**

**Klabb Kotba Maltin**

**

***Proża Letterarja (Novelli bil-Malti)***

**Ċpar – aktar rakkonti u divertimenti**

**Alfred Sant**

**SKS**

**Rakkonti Inkontri**

**Victor Fenech**

**Horizons**



*Poeżija (Poeżiji bil-Malti)*

Irdieden
Jonathan Balzan
pubblikat mill-awtur

Ċrieki fl-Għadira
Ġorġ Borġ
pubblikat mill-awtur

Passju taħt ix-xita
Karl Schembri
Horizons

Penelopi tistenna
Immanuel Mifsud
Klabb Kotba Maltin

**

*Kotba għat-tfal minn tmien snin sa tnax-il sena*

Vleġġa kkargata
Adrian Grima
Klabb Kotba Maltin

Avventuri mill-Klassi ta' Miss Ambrożja Pulis
Kiftaranipinġini
Audrey Friggieri
Merlin Publishers

Jake Cassar u r-Reġina Fidelja f'boċċa tal-ħġieġ
Clare Azzopardi
Merlin Publishers

Jake Cassar u l-istorja tar-Reġina x-Xiħa
Clare Azzopardi
Merlin Publishers

Tqasqis
Trevor Zahra
Merlin Publishers

*Traduzzjonijiet*

Klijenti antipatiċi u kapuċċini kesħin
Clare Azzopardi / Albert Gatt
Inizjamed

Il-Letteratura fit-traduzzjoni/Literature in translation
Toni Aquilina
Faraxa Publishing

L-Alla tal-Ħerba ta' Yasmin Reza
Toni Aquilina
Faraxa Publishing

**

*Kotba ta' natura umanistika bil-Malti jew bl-Ingliż*

Verġni Sagri, Demonji u Boloh għal Alla
Mario Azzopardi
Horizons

Georgio Scala and the Moorish Slaves
Dionisius A. Agius
Midsea Books

Late Medieval Malta (1091-1530)
Charlene Vella
Midsea Books

Mattia Preti – Faith and Humanity
Sandro Debono
Midsea Books

# Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tas-sena li għaddiet huma:

*Kategorija ta' Proża Letterarja (Rumanzi bil-Malti)* **L-Eżodu taċ-Ċikonji**
**Walid Nabhan**

*Kategorija ta' Proża Letterarja (Novelli bil-Malti)*
**Ċpar - Rakkonti u Divertimenti**
**Alfred Sant**

*Kategorija ta' Poeżija bil-Malti*
**Penelopi Tistenna**
**Immanuel Mifsud**

*Kategorija ta' Kotba għat-tfal u l-adoloxxenti*
*(minn tmien snin sa tnax-il sena )*
**Vleġġa Kkargata**
**Adrian Grima**

*Kategorija tat-Traduzzjoni*
**L-Alla tal-Ħerba ta' Yasmin Reza**
**Toni Aquilina**

*Kategorija ta' Kotba ta' Natura Umanistika bil-Malti jew bl-Ingliż*
**Verġni Sagra, Demonji u Boloh għal Alla**
**Mario Azzopardi**

*Premju għall-aħjar produzzjoni tal-ktieb bil-Malti*
**Merlin Publishers**
**What Happens in Brussels Stays in Brussels**

*Premju għall-aħjar produzzjoni tal-ktieb b'lingwa oħra*
**Midsea Books**
**Late Medieval Malta (1091-1500)**

*Premju għall-aħjar illustratur*
**Trevor Zahra**
**Tqasqis**

*Premju lil min tul ħajtu ta kontribut lil-letteratura u/jew lill-kotba*
**Prof. Godfrey Wettinger**

# Il-kumitat tal-aġġidukazzjoni kien magħmul minn:

*Rumanzi, Novelli u Poeżiji*

**Prof. Clare Vassallo, Dr Mario Cassar u Dr Marco Galea**

*Kotba għat-Tfal u għall-Adolexxenti*

**Dr Simone Galea, Dr Simone Inguanez u s-Sur Mario Ellul**

*Riċerka u Traduzzjoni*

**Dr Philip Sciberras, Prof. Frans Ciappara u s-Sur Aleks Farrugia**



# ISBN

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aġenzija uffiċjali ta' Malta inkarigata mit-tqassim tal-ISBN għal kotba ppubblikati lokalment. L-ISBN (International Standard Book Number) huwa numru rikonoxxut internazzjonalment, magħmul minn 13-il numru miż-żero sad-9, li jiġi kkalkulat bl-użu ta' formula matematika speċifika u li jiġi validat permezz ta' check digit. Essenzjalment huwa mezz ta' identifikazzjoni ta' prodott, li jintuża mill-pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba, libreriji, bejjiegħa onlajn u entitajiet simili meta jsiru ordnijiet u listi, meta jinżammu rekords ta' bejgħ u biex ikun hemm kontroll fuq l-istokk. L-ISBN jidentifika lir-reġistratur kif ukoll it-titlu speċifiku, l-edizzjoni u l-format tal-ktieb.

Matul l-2014 ġie dedikat ħafna ħin u xogħol biex jinbena database diġitali tal-ISBN, billi dan ma kienx provdut mill-amministrazzjoni preċedenti. In-nuqqas ta' database diġitali tal-ISBN kien ta' tħassib serju għalina u għalhekk tajna prijorità lil din l-inizjattiva. Il-metadata sheets tal-ISBN tagħna qed jiġu wkoll aġġornati regolarment biex ikunu dejjem skond l-istandards internazzjonali. F'dan ir-rigward għamilna progress sinifikanti mill-2013 'l hawn.

Is-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Joe Debattista, is-sena li għaddiet attenda għal-laqgħa ġenerali annwali internazzjonali tal-ISBN f'Istanbul u għamel kuntatt mal-aġenzija internazzjonali u ma' aġenziji oħra barranin li jieħdu ħsieb l-ISBN fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Bis-saħħa tas-sehem tiegħu f'din il-laqgħa, is-Sur Debattista żamm ruħu aġġornat mal-iżviluppi ewlenin li qed isiru fil-qasam tal-ISBN u kellu sehem fid-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konferenza. Aħna nemmnu li hu essenzjali li Malta żżomm ruħha aġġornata mal-aħħar żviluppi fis-settur tal-ISBN u li tibqa' żżomm dan l-appuntament annwali f'din il-konferenza dinjija importanti. B'hekk, bħala l-aġenzija uffiċjali ta' Malta, aħna nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Is-sehem tagħna fil-konferenza jgħinna wkoll biex niżguraw li dejjem nimxu skond l-aħħar standards u żviluppi internazzjonali f'dan il-qasam hekk importanti u delikat.

Lista tan-numri kollha tal-ISBN li nħarġu mill-Kunsill qed tiġi ppubblikata fl-Appendiċi ta' dan ir-rapport.

Il-prezzijiet tal-ISBN f'Malta huma kif ġej:

a) **Numru wieħed: €20**

b) **Għaxar numri: €100**

ċ) **Għoxrin numru: €170**

Jingħata barcode bla ħlas ma' kull ISBN.

L-ISBN jista' jinħareġ biss ladarba l-klijent jipprovdi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb id-dettalji tal-pubblikazzjoni li se tuża n-numru. Id-dettalji li jridu jiġu pprovduti huma t-titlu, l-awtur, il-format, il-pubblikatur u s-sena tal-pubblikazzjoni tal-ktieb. Il-klijenti jistgħu jixtru numru jew sett ta' numri bil-quddiem mingħajr ma jipprovdu d-dettalji msemmija, iżda n-numri jinħarġu biss ladarba jingħataw id-dettalji kollha meħtieġa. Din il-proċedura tiggarantixxi li n-numri li jinħarġu jkunu f'sekwenza.

Għal kull ISBN li jinħareġ għal ktieb stampat, il-pubblikatur jista' japplika għal ISBN ieħor bla ħlas li jiġi allokat lill-verżjoni e-book tal-istess ktieb. Din id-deċiżjoni hija retroattiva. Fil-każ ta' kotba li jiġu ppubblikati biss bħala e-books u ma jkunx hemm verżjoni stampata tagħhom, il-prezz tal-ISBN huwa ta' €10 biss.










# Il-Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ

Il-Konkors Letterarju tar-Rumanzi għaż-Żgħażagħ tnieda fl-2011 b'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ, bl-għan li ż-żgħażagħ ikollhom aktar letteratura bil-Malti adattata għalihom. Din l-inizjattiva tikkonsisti f'konkors għal scripts li minnhom jintgħażlu żewġ rebbieħa li eventwalment jiġu ppubblikati. Il-fondi għal din l-inizjattiva jinħarġu mill-Aġenzija Żgħażagħ u mill-kont nominali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iddedikat lil inizjattivi kulturali. Il-fondi li ngħataw mill-Aġenzija Żgħażagħ biex ikopru l-ispejjeż ta' din l-inizjattiva għall-2014 u l-2015 kienu jammontaw għal €15,000.

Is-sena li għaddiet, saru xi bidliet maġġuri f'dan il-konkors. Ir-regolamenti ġew modifikati biex jillimitaw il-konkors għal scripts immirati lejn żgħażagħ ta' bejn it-13 u s-16-il sena. Barra minn hekk, ġew imtejba drastikament il-kategoriji tal-aġġudikazzjoni tal-iscripts biex ikun żgurat li jkunu biss scripts ta' kwalità tajba li jiġu rikonoxxuti u ppubblikati.

Il-kittieba tal-iscripts rebbieħa fil-konkors tas-sena li għaddiet huma Steven Lughermo bl-iscript "X'aħna smart" u Leanne Ellul bl-iscript "Gramma". Ir-rebbieħa ngħataw premju ta' €1000 u l-iscript tagħhom se jkun ippubblikat minn pubblikatur magħżul mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara li ssir sejħa għall-espressjoni ta' interess. Qed jinħarġu €2000 bħala sussidju għal kull pubblikazzjoni. Għall-ewwel darba din is-sena, l-awturi li rebħu l-premju se jintbagħtu biex jieħdu sehem f'workshop tal-kitba bl-għan li jtejbu ħiliethom fil-kitba. Fil-fatt f'April tal-2015 se jieħdu sehem fl-Iceland Writers Retreat.

Dawk li ġġudikaw l-iscripts kienu:

Dr Josette Attard, is-Sur Emanuel Psaila u Dr Stephen Bonanno

# Inizjattivi oħra: Il-Festival tal-Ktieb tal-Università ta' Malta

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti (Università), organizza l-ewwed edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Campus. Il-Festival sar bejn it-28 u t-30 ta' April fil-Quadrangle tal-Università.

Uħud mill-pubblikaturi u distributuri ewlenin ta' Malta kellhom posti bil-kotba taħt it-tinda tal-Festival, filwaqt li matul it-tlett ijiem tal-Festival saru għadd ta' attivitajiet letterarji, fosthom dibattitu dwar is-sesswalità fil-letteratura Maltija, qari minn awturi influwenti kontemporanji bħal Immanuel Mifsud, u lekċers dwar it-traduzzjoni letterarja u l-preservazzjoni u r-restawr ta' dokumenti storiċi. Awturi żgħażagħ ingħataw ħin filgħaxijiet biex setgħu jaqsmu kitbiethom bħala parti mill-inizjattiva Taħżiż2. Madankollu, l-aktar avveniment importanti tal-Festival kien intervista minn Karl Schembri lill-mistieden ewlieni, Hani Shukrallah, l-awtur tal-ktieb *Egypt, the Arabs and the World*.





# Għoti ta' kotba għal-libreriji tal-iskejjel u tal-klassijiet

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jgħin lill-iskejjel b'mod attiv billi kontinwament jipprovdilhom kotba għal-libreriji u l-klassijiet tagħhom. Il-kotba jinxtraw b'attenzjoni wara konsultazjoni mal-kapijiet tal-iskejjel u l-għalliema. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jagħti pariri lill-għalliema u lill-kapijiet dwar kif jista' jsir l-aħjar użu mill-kotba mogħtija. Fl-2014 il-Kunsill għamel diversi għotjiet sostanzjali u l-pjan hu li tiżdied il-frekwenza tal-għotjiet u jikber ukoll in-numru ta' skejjel li jgawdu minn din l-iskema. B'libreriji fl-iskejjel mimlijin bl-aktar kotba riċenti, kotba klassiċi u kotba ta' referenza aġġornati kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, nittamaw li l-Kunsill jibda jħalli effett dejjiemi fuq l-istudenti u l-vjaġġ edukattiv tagħhom.

L-iskejjel li bbenefikaw fl-2014 huma l-Iskola Primarja B ta' Ħaż-Żabbar, l-Iskola Primarja tal-Belt, l-Iskola Primarja A tal-Mosta, l-Iskola Primarja tal-Gżira u l-librerija tal-Junior College. Madankollu l-Kunsill għamel ukoll għotjiet ta' kotba lill-klassijiet kollha tal-kindergarten ta' dawn l-iskejjel primarji tal-Kulleġġ Santa Margerita: Bormla, l-Isla, il-Birgu, il-Kalkara u x-Xgħajra. Din l-għotja sostanzjali se terġa' ssir is-sena d-dieħla għall-istess grupp ta' studenti fl-ewwel sena primarja, u nibqgħu sejrin hekk fi sforz biex nistudjaw il-livell ta' żvilupp u litteriżmu ta' dan il-grupp wara li jkun espost għal żmien twil għal libreriji mgħammra kif suppost.




# Il-Fiera tal-Kotba ta' Londra

Il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, is-Sur Camilleri, żar l-edizzjoni tal-2014 tal-Fiera tal-Kotba ta' Londra sabiex jesplora l-possibbiltà li Malta tieħu sehem f'din il-fiera, filwaqt li jippromovi x-xena tal-kotba Maltija u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fost l-esebituri tal-fiera ta' Londra u l-viżitaturi tal-istess fiera. Lil ħafna mill-esibituri li kienu qed jirrappreżentaw lill-pajjiżi rispettivi tagħhom tqassmitilhom ċirkolari dwar Malta u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, filwaqt li saru kuntatti ma' rappreżentanti barranin, organizzazzjonijiet kulturali, pubblikaturi u entitajiet oħra. Għandna għalfejn nittamaw li fl-2015 il-Kunsill se jikkonsolida dawn ir-rabtiet u se jistabbilixxi oħrajn ġodda meta jerġa' jirrappreżenta lil Malta fil-fiera li se ssir f'April.

# Il-Proġett tal-Qari Qabel Ħin l-Irqad

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb beda jqassam kotba għall-qari qabel ħin l-irqad fl-2013, iżda fl-2014 kien hemm kontinwazzjoni ta' din l-inizjattiva importanti fl-iskejjel u fl-isptarijiet. Matul is-sena kollha, il-Kunsill ħa r-responsabbiltà li jibgħat rappreżentanti tiegħu biex jgħallmu lill-qwiebel u lil dawk li se jsiru ommijiet dwar l-importanza li fit-tfal titrawwem l-imħabba għall-qari.



Barra min hekk, f'April il-Kunsill kien mistieden biex jagħmel taħdita u sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-importanza tal-qari għal ġenituri ta' tfal sal-età ta' tmien snin li jattendu l-Iskola Primarja A tal-Mosta. Kienu ħafna dawk li attendew u kull ġenitur/kustodju ngħata pouch iddisinjat apposta b'żewġ kotba ta' stejjer għal trabi u tfal żgħar, kif ukoll manwal. Wieħed mill-kotba, mimli stampi, huwa antoloġija ta' stejjer miktubin minn awturi differenti u editjat minn Victor Fenech, filwaqt li l-ieħor huwa antoloġija ta' siltiet editjati minn poeżiji ta' Dun Karm, bi stampi mpinġijin minn Trevor Zahra. Il-manwal huwa gwida edukattiva għall-ġenituri, maħsub biex jgħinhom irawmu f'uliedhom imħabba għall-qari u l-kotba. Is-Sur Charles Calleja, ir-rappreżentant tal-Kunsill u l-kelliem ewlieni f'din l-attività, wieġeb il-mistoqsijiet tal-udjenza.

Wara dan l-avveniment, il-Kunsill qassam aktar pouches f'kull attività ewlenija li ħa sehem fiha, fosthom waqt għotjiet ta' kotba lill-iskejjel, matul il-ħamest ijiem tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, fil-Festival tal-Ktieb fuq il-Campus, u fil-Jum Ewropew tal-Lingwi 2014, fi sforz biex iqanqal kuxjenza kemm jista' dwar l-importanza li nrawmu l-imħabba għall-qari fit-tfal.



# Parteċipazzjoni fil-Festival Malti tal-Arti

Is-sensiela 'Emerging Artists' fil-Festival Malti tal-Arti 2014 ippreżentat wirja interdixxiplinarja ta' mużika u letteratura. Il-kollaborazzjoni ħadet is-sura ta' żewġ kunċerti: wieħed ta' mużika klassika mill-perkussjonista żagħżugħ Luke Baldacchino, u l-ieħor minn Nadine Galea fuq il-vjolin u Riyad Nicolas fuq il-pjanu. Iż-żewġ kunċerti kienu jinkludu qari ta' poeżiji bil-Malti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Poeżiji tal-poeti żgħażagħ Francesco Grech, Beverly Agius, Matthew Schembri, Yana Psaila, Jonathan Balzan u Celine Agius inqraw mill-atturi Joseph Galea u Antonella Galea Loffreda f'żewġ lejliet separati fl-ambjent sabiħ tal-bitħa interna tal-Berġa ta' Kastilja, il-Belt.

# Lejla ta' Poeżija fi Ġnien Raymond Caruana, il-Gudja




Wara r-rispons pożittiv li kellhom il-poeti ġodda għas-sehem tagħhom fil-Festival Malti tal-Arti 2014, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stieden lil grupp ieħor ta' poeti u kittieba żgħażagħ biex jippreżentaw ix-xogħol tagħhom lil udjenza ġdida għalkollox bħala parti mill-isforz tiegħu biex jasal għand komunitajiet differenti madwar Malta.

Grazzi għall-Kunsill Lokali tal-Gudja, il-kittieba żgħażagħ Beverly Agius, Nigel Baldacchino, Keith Borg, Ryan Falzon u Matthew Schembri setgħu jaqraw ix-xogħlijiet ġodda tagħhom fl-ambent rilassanti ta' Ġnien Raymond Caruana fil-Gudja, quddiem udjenza ġdida li ma kinitx taf x'kellha tistenna. Kien mistieden kulħadd, inkluż familji mill-Gudja u l-inħawi.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jemmen li għandu jinkoraġġixxi u jinstiga inizjattivi bħal dawn u għalhekk jippremja l-isforzi kemm ta' awturi ġodda kif ukoll ta' dawk stabbiliti.




# Għotja ta' kotba lill-Aġenzija Appoġġ

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, b'kollaborazzjoni mal-ħaddiema tal-Librerija Pubblika Ċentrali, stieden lil ġemgħa tfal, ta' bejn sitt snin u ħdax-il sena, mis-Servizz fil-Komunità tal-Qawra tal-Aġenzija Appoġġ, biex jieħdu sehem f'attività ta' qari mal-awtur Charles Casha fit-Taqsima tat-Tfal tal-Librerija Pubblika Ċentrali ta' Malta. Wara l-qari kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet kif ukoll iffirmar ta' kotba mill-awtur. It-tfal ingħataw kotba bl-Ingliż u bil-Malti bħala rigal tal-Milied u ġew imħeġġin biex iduru mal-librerija u jieħdu card tal-librerija biex jimlewha d-dar u jsiru membri. Ingħataw ukoll pouch tal-Proġett tal-Qari Qabel Ħin l-Irqad biex jgħadduh lill-ġenituri tagħhom.

Żjarat bħal dawn, għalkemm relattivament qosra, huma effettivi biex il-qarrejja żgħar iħossuhom milqugħin fil-librerija u huwa għalhekk li l-attività ssir b'mod informali u f'ambjent komdu. Irridu li t-tfal isiru jħobbu l-libreriji u jitgħallmu kif għandhom jagħżlu l-materjal għall-qari għalihom infushom. Għalhekk il-Kunsill se jistieden aktar u aktar qarrejja żgħar għal attivitajiet bħal dawn matul l-2015.





# Għotjiet lil Libreriji Pubbliċi




Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikkollabora mill-qrib mal-libreriji ta' Malta matul l-2014 – kollaborazzjoni li minnha l-libreriji gawdew permezz ta' diversi għotjiet sostanzjali ta' kotba.

Uħud mill-għotjiet saru f'dati importanti fil-kalendarju tal-kotba, bħall-Jum Dinji tal-Kotba u Jum il-Libreriji fil-Librerija Pubblika Ċentrali. Il-pubblikazzjonijiet li ngħataw f'dawn id-donazzjonijiet – listi sostanzjali ta' kotba li jvarjaw minn rumanzi klassiċi għal testi akkademiċi u Melitensia – tqassmu ma' Malta kollha f'diversi libreriji.

Għall-2015 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu ppjanati diversi għotjiet lil libreriji pubbliċi u libreriji tal-iskejjel, u għalhekk hu ttamat li l-istatistika tas-self mil-libreriji tiżdied b'mod li jirrifletti dan fix-xhur li ġejjin.






# Rapport Finanzjarju

INCOME

| | € | € |
|---|---|---|
| Balance b/f from 2013 | | |
| Government funding | | 127,629.31 |
| ISBN Service | | 8205.00 |
| Sponsorship & Subsidy from APS Bank | | 3,706.50 |
| Sale of Publication | | 110.00 |
| Partipants fees in National Book Festival | | 14606.00 |

EXPENDITURE

| | | |
|---|---|---|
| Book Purchases | 26,343.98 | |
| Working Trips | 1,877.57 | |
| Marketing | 13,052.05 | |
| Cultural Initiatives | 11,428.21 | |
| Operational Costs | 5,549.02 | |
| Professional Fees | 15,455.45 | |
| Hire of MCC Hall for National Book Festival | 10,295.50 | |
| Children's Voucher Scheme | 4,724.00 | |
| Contractor for National Book Festival | 36,872.64 | |
| University Book Fair | 10,020.59 | |
| Short Film Project | 5,324.58 | |
| Production of New Trophy for National Book Awards | 2,029.60 | |
| Money Prizes for National Book Awards | 6,000.00 | |
| Judges fees | 4,500.00 | |
| London Book Fair 2015 | 962.00 | |
| Other expenses | 1553.32 | -155988.51 |
| | | 8071.16 |

Notes

- A sum of €1,160.53 from our budget allocation was spent on marketing and paid directly by the Ministry of Education and Employment.
- Pending invoice of final installment for hire of MCC hall of €3,451.50 yet to be issued by MCC.
- An additional sum of €3,817 paid by the Ministry of Education and Employment for marketing and promotion.

# Appendiċi (Lista ta' kotba)

| | titlu | awtur | pubblikatur | ISBN |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Frażarju Russu-Malti | Yana Psaila | Yana Psaila | 978-99957-0-654-8 |
| 2 | Frażarju Malti-Russu | Yana Psaila | Yana Psaila | 978-99957-0-655-5 |
| 3 | Italian Masterpieces | E.V. Borg | E.V. Borg | 978-99957-0-656-2 |
| 4 | Petali f'wiċċ l-ilma | Alfred Grech | Alfred Grech | 978-99957-0-657-9 |
| 5 | Spell Pal | Vicki Micallef-Eynaud | Vicki Micallef-Eynaud | 978-99957-0-658-6 |
| 6 | Spell Pal : exercise book | Vicki Micallef-Eynaud | Vicki Micallef-Eynaud | 978-99957-0-659-3 |
| 7 | Human Warmth | E.V. Borg | E.V. Borg | 978-99957-0-660-9 |
| 8 | Is-serqa ta' San Ġiljan - Analiżi u Psikoloġija | Joseph Zammit Tabona | Joseph Zammit Tabona | 978-99957-0-661-6 |
| 9 | Gabriel's Bedtime Tales | Nadia Bartolo | Nadia Bartolo | 978-99957-0-662-3 |
| 10 | Ilħna miktuba | St Benedict College | St Benedict College | 978-99957-0-663-0 |
| 11 | The "Santa Sapienza allo Studio" chapel in Rome: a representation of its domed ceiling | Editrice F.R.A.N.C.A. | Editrice F.R.A.N.C.A. | 978-99957-0-664-7 |
| 12 | REGNVM - Photography by Kris Micallef | Kris Micallef | Kris Micallef | 978-99957-0-665-4 |
| 13 | Faith & Reason | Anna Vella (editor) | University Chaplaincy | 978-99957-0-666-1 |
| 14 | Neżlin bħax-xita | Sebastien Theiry, Toni Aquilina (trans.) | Fondation de Malte | 978-99957-0-667-8 |
| 15 | Proceedings of the "Sustainable Energy 2014: The ISE Annual Conference" | Institute for Sustainable Energy | Institute for Sustainable Energy, Univ.of Malta | 978-99957-0-668-5 |
| 16 | Mumenti - Poeżiji | Charles Casha | Charles Casha | 978-99957-0-669-2 |
| 17 | Meander: a collection of poems and songs | Paul Callus | Paul Callus | 978-99957-0-670-8 |
| 18 | The Holy Eurcharist and the Hymn 'T' Adoriam Ostia Divina' | Hector Scerri & Joe Zammit Ciantar | Foundation for Theological Studies in collaboration with the Faculty of Theology University of Malta | 978-99957-0-671-5 |
| 19 | FinanceMalta 5th Edition | Sonja Lindenberg (editor) | CountryProfiler | 978-99957-0-672-2 |
| 20 | Malta Country Report 5th Edition | Sonja Lindenberg (editor) | CountryProfiler | 978-99957-0-673-9 |
| 21 | Go for Accounting | Eric Mitchell & Alfred Sant Fournier | Eric Mitchell & Alfred Sant Fournier | 978-99957-0-674-6 |
| 22 | The Journal of Baroque Studies Vol. I Part 2 | Frans Ciappara (editor) | International Institue for Baroque Studies | 978-99957-0-675-3 |
| 23 | My Pizza and Toffee Apples | Patricia Salamone | Patricia Salamone | 978-99957-0-676-0 |
| 24 | Bdoti fil-Maltemp: kif nieħdu ħsieb qraba b'mard mentali | Nora Macelli (editur) | St Jeanne Antide Foundation & Mental Health Association Malta | 978-99957-0-677-7 |
| 25 | Il-Verita' Teħliskom - Il-Ħames Volum | Patri Damian Cachia O. Carm | Patri Damian Cachia O. Carm | 978-99957-0-678-4 |
| 26 | Beltna iż-Żejtun (Educational package) | Wirt iż-Żejtun | Wirt iż-Żejtun | 978-99957-0-679-1 |
| 27 | WOW - Women of wonder | Various | Rooted Publications | 978-99957-0-680-7 |
| 28 | Uncommon London 1 | Michael Fordham & Emma Mattei (editors) | Uncommon Ltd. | 978-99957-0-681-4 |
| 29 | Economics Study Guide | Christopher Fava | Christopher Fava | 978-99957-0-682-1 |
| 30 | The Malta Book of Records 1st Edition | The Malta Records (editor) | The Malta Records | 978-99957-0-683-8 |
| 31 | Ċikku, il-bidwi Malti | Paul P. Borg | Paul P. Borg | 978-99957-0-684-5 |
| 32 | Il-Floriana fil-mixja nisranija tagħna | Fr. Richard Borg | Fr. Richard Borg | 978-99957-0-685-2 |
| 33 | Fejn Staħbejtli | Paul Ellul | Paul Ellul | 978-99957-0-686-9 |
| 34 | Salammbo' (rumanz ta' Gustave Flaubert) | Paul Zahra (trad.) | Paul Zahra | 978-99957-0-687-6 |
| 35 | Karol it-tifel li sar Papa | Andrew Borg | Andrew Borg | 978-99957-0-688-3 |
| 36 | Traffiku ta' Gideb u Ingann | Rose Grech | Rose Grech | 978-99957-0-689-0 |
| 37 | Imħabba Oħra | Rose Grech | Rose Grech | 978-99957-0-690-6 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 38 | Stennija Kontinwa | Rose Grech | Rose Grech | 978-99957-0-691-3 |
| 39 | San Ġużepp Pignatelli | Salvino Busuttil | Fondation de Malte | 978-99957-0-692-0 |
| 40 | Art Discussion Group - Anniversary 1987-2014: Art Collective Exhibition 2014 | E.V. Borg | E.V. Borg | 978-99957-0-693-7 |
| 41 | Sensiela IL-KELMA: Issue VII- Il-Ġenesi - Kapitli 1-3 | Dun Ġorġ Dalli | Dun Ġorġ Dalli | 978-99957-0-694-4 |
| 42 | Uncommon Holy Land | Ithamar Handelman Smith & Youssef Asfour (ec | Uncommon Ltd. | 978-99957-0-695-1 |
| 43 | Is-Soċjeta' Filarmonika Santa Venera V.M. - Twelidha u Ġrajjietha | Alfred Mizzi (author & editor) | Soċjeta' Filarmonika Santa Venera V.M. - A.D.1964 | 978-99957-0-696-8 |
| 44 | Il-Ħajja ta' San Piju X (ktieb għat-tfal) | Emmanuel Scicluna | Parroċċa San Piju X, Santa Luċija | 978-99957-0-697-5 |
| 45 | San Piju X (ktieb għall-kbar) | Alfred Cachia | Parroċċa San Piju X, Santa Luċija | 978-99957-0-698-2 |
| 46 | Night & Day | David Pisani & Elise Billiard | Ede Books | 978-99957-0-699-9 |
| 47 | Life Rhymes - for young minds | Christine Attard | Christine Attard | 978-99957-0-700-2 |
| 48 | Taking flight | School of Excellence - St Martin's College | St Martin's College | 978-99957-0-701-9 |
| 49 | Fluffy the Teddy Bear | St Benedict's College Ħal-Għaxaq Primary School | St Benedict's Colleg Ħal-Għaxaq Primary School | 978-99957-0-702-6 |
| 50 | Malta to Wembley | Joseph Glanville & Simon Poulton | Puttinu Cares in collaration with Manchester United Supporters' Club Malta | 978-99957-0-703-3 |
| 51 | Digital and Video Game Usage in Malta | Leonard Busuttil, Liberato Camilleri, Vanessa Camilleri,<br>Alexiei Dingli, Matthew Montebello | gamED | 978-99957-0-704-0 |
| 52 | Leħen il-Malti għadd 33 | Emmanuel Psaila (editur) | Għaqda tal-Malti-Universita' | 978-99957-0-705-7 |
| 53 | Kull filgħaxija kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum | Glen Calleja | | 978-99957-0-706-4 |
| 54 | Jien Hu - la tibżgħux | Fr. Thomas Moore ofm.conv. | Fr. Thomas Moore ofm.conv. | 978-99957-0-707-1 |
| 55 | Numberwise-Year 4 Workbook | Lorraine Vella | Schola Publications | 978-99957-0-708-8 |
| 56 | Jien Miljunarju | Ivan Bartolo | Ivan Bartolo | 978-99957-0-709-5 |
| 57 | La Promesa de Jesucristo | Dr Gordon-John Manche' (editor) | Nations for Christ | 978-99957-0-710-1 |
| 58 | Kelma bejni u bejnek Mulej | Josanne Grech | Josanne Grech | 978-99957-0-711-8 |
| 59 | Mastru Saverio Laferla - L-ewwel statwarju Malti fit-teknika tal-karta pesta | Stanley Mangion and Christopher Magro | Stanley Mangion | 978-99957-0-712-5 |
| 60 | Il-Viżta Appostolika ta' Monsijur Pietru Dusina F'Għawdex fis-sena 1575 | Anton F. Attard (trad.) | Anton F. Attard | 978-99957-0-713-2 |
| 61 | Tax Bundle 2014 | Deloitte (editor) | Deloitte | 978-99957-0-714-9 |
| 62 | L-Imqabba bejn Storja u Folklor | Carmen Lia | Carmen Lia | 978-99957-0-715-6 |
| 63 | RIDT Annual Report 2013 | Research, Innovation & Development Trust | Research, Innovation & Development Trust | 978-99957-0-716-3 |
| 64 | Abyss | Joseph Sultana | Joseph Sultana | 978-99957-0-717-0 |
| 65 | The Dragonara Palace: a historical perspective | Frederica Agius | Dragonara Gaming Limited | 978-99957-0-718-7 |
| 66 | Vermogenssicherung im Euro-Desaster, Der kritische immobilenkurs | Thomas Trepnau | Immo Coaching & Publishing Com.Ltd. | 978-99957-0-719-4 |
| 67 | Il-Fidwa tal-Anarkiżmu | Mark Montebello | Mark Montebello | 978-99957-0-720-0 |
| 68 | Il-Faqar tal-Paternaliżmu | Mark Montebello | Mark Montebello | 978-99957-0-721-7 |
| 69 | The Life and Work of Lewis Wirth (1923-2010) and Helen Cavarra (1926-1978): Their Creative Partnership | Joseph Paul Cassar | Mariz Cassar | 978-99957-0-722-4 |
| 70 | Omm ta' bosta wlied | Parroċċa Santa Marija il-Gudja | Parroċċa Santa Marija il-Gudja | 978-99957-0-723-1 |
| 71 | Hammi Lumay | Mohammed Sidiiq Dhamme | Mohammed Sidiiq Dhamme | 978-99957-0-724-8 |
| 72 | Trifolju ta' lwien | Patrick Sammut, Mario Attard<br>Frank Zammit | Patrick Sammut | 978-99957-0-725-5 |
| 73 | Vittoriosa: an ancient City of Culture | Lino Bugeja | Lino Bugeja | 978-99957-0-726-2 |
| 74 | National Report on the Drug Situation in Malta 2013 | Carlo Olivari D'Emanuele, Manuel Gelle<br>Richard Muscat | National Focal Point on Drugs and Drug Addiction | 978-99957-0-727-9 |
| 75 | Ir-Rapport Nazzjonali fuq is-Sitwazzjoni tad-Drogi 2013 | Carlo Olivari D'Emanuele, Manuel Gelle<br>Richard Muscat | National Focal Point on Drugs and Drug Addiction | 978-99957-0-728-6 |
| 76 | Il-Fgura: 50 sena Parroċċa | Paul Mifsud | Paul Mifsud | 978-99957-0-729-3 |
| 77 | Nixtiequ naraw lil Ġesu' | Paul Mizzi | Pubblikazzjoni Qum | 978-99957-0-730-9 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 78 | Alcohol, Tobacco and Drug use in Malta in 2013: A General Population Survey | Richard Muscat, Marilyn Clark & Manuel Gellel | National Focal Point on Drugs and Drug Addiction | 978-99957-0-731-6 |
| 79 | Teaching an Old Dog New Tricks | Raphael Vella | Raphael Vella | 978-99957-0-732-3 |
| 80 | Meta titolbu, itolbu hekk: l-isbaħ talb mill-Bibbja (1st edit.) | Fr. Daniel Sultana | Fr. Daniel Sultana | 978-99957-0-733-0 |
| 81 | Memories | Peter Apap Bologna | Peter Apap Bologna | 978-99957-0-734-7 |
| 82 | Print for a Political History of Malta (1st edition) | Francis Attard | Francis Attard | 978-99957-0-735-4 |
| 83 | Stress, Health and Coping among International Students at the University of Malta | Claire Borg and Carmel Cefai | Centre for Resilience and Socio-Emotional Health | 978-99957-0-736-1 |
| 84 | Tentuf: mill-memorji ta' Lino Gauci Borda: Fleur-de-Lys dawn l-aħħar 75 sena | Lino Gauci Borda | Kumitat Amministrattiv Fleur-De-Lys | 978-99957-0-737-8 |
| 85 | Another seeing and other poems / Lemħa oħra u poeżiji oħrajn | Lucilla Maclaren Spillane | Lucilla Maclaren Spillane | 978-99957-0-738-5 |
| 86 | A moving death | Maurice O'Scanaill/Rory McCormal | Maurice O'Scanaill/Rory McCormal | 978-99957-0-739-2 |
| 87 | L-avventuri ta' veru ta' Pina u Salvinu | Mark Laurence Zammit | Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali | 978-99957-0-740-8 |
| 88 | Kalendarju Emmaus: id-Dixxipli ġew lura jagħtu l-aħbar | Profs. Horatio Vella | Profs. Horatio Vella | 978-99957-0-741-5 |
| 89 | Poeżiji | Mary Caruana | Mary Caruana | 978-99957-0-742-2 |
| 90 | Le Brouillard | Laurent Seychell | Chev. Prof. Laurent Seychell | 978-99957-0-743-9 |
| 91 | The family: the bricks on which society is built | Lino Callus | Lino Callus | 978-99957-0-744-6 |
| 92 | Nitgħallmu ma' Ray Abela: l-ewwel edizzjoni | Ray Abela | TCTC | 978-99957-0-745-3 |
| 93 | Malta on the silver screen: feature films shot in Malta | Angela Peel | Angela Peel | 978-99957-0-746-0 |
| 94 | The Philosophy of Cosmic Spirituality: 1st edition | Anton Sammut | Anton Sammut | 978-99957-0-747-7 |
| 95 | Misteru Ark-anum: Kontroll | Joseph Sultana | Joseph Sultana | 978-99957-0-748-4 |
| 96 | Dawra durella u logħob ieħor tal-passat | Noel Formosa (editor) | Ta' Ciangura - San Lawrenz Folk Group | 978-99957-0-749-1 |
| 97 | Tisjir mill-Qalb 2014 | Edgar Preca, Manuel Aquilina, George Borg, Nancy Buhagiar, Neil Darmanin, Aaron Degabriele, Joseph Mizzi, Liz Said, Mark Schembri, Karmen Tedesco | The Malta Community Chest Fund | 978-99957-0-750-7 |
| 98 | It-tifel li ħadd ma ħabb | Irma Zammit Ciantar | Irma Zammit Ciantar | 978-99957-0-751-4 |
| 99 | Leonardo Petrucci: giornali di corsa (1757-1762): sailing with the Maltese Navy of the Knights of St John (1st edition) | Anton Quintano (editor) /Leonardo Petrucci (Giornale) | Anton Quintano | 978-99957-0-752-1 |
| 100 | L-insib għall-Għasafar tal-Passa fil-Gżejjer Maltin b'enfasi fuq l-Insib għall-Gamiem | Lino C. Farrugia | Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) | 978-99957-0-753-8 |
| 101 | Ittra Ittra | Catherine Vassallo | Kulleġġ San Benedittu, Zurrieq Primary | 978-99957-0-754-5 |
| 102 | Il-Mellieħa: lemħa lejn ġrajjietha (1st edition) | Jimmy Muscat | Jimmy Muscat | 978-99957-0-755-2 |
| 103 | Riflessi 2014 (Poeżiji) l-ewwel edizzjoni | Charles Casha | Charles Casha | 978-99957-0-756-9 |
| 104 | San Ġorġ: l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex (1st editon) | Francesco Pio Attard (editor) | Kumitat Storiku-Kulturali - Bażilika San Ġorġ | 978-99957-0-757-6 |
| 105 | Just in case: Care and Case Management in Malta | Grace Jaccarini, Ingrid Kollak and Stefan Schmidt (editors) | MMDNA | 978-99957-0-758-3 |
| 106 | Leħen il-Malti | Bord Editorjali/Koeditajati (diversi) | Għaqda tal-Malti - Universita' ta' Malta | 978-99957-0-759-0 |
| 107 | abc ma' Fonzu l-Fenek: Ktieb 1: Ikel u Xorb | Suzanne Piscopo and Michael Piscopo | Suzanne Piscopo | 978-99957-0-760-6 |
| 108 | abc ma' Fonzu l-Fenek: Ktieb 2: Fil-kċina | Suzanne Piscopo and Michael Piscopo | Suzanne Piscopo | 978-99957-0-761-3 |
| 109 | Innovation in Consolidation and Restoration with Steel: Massimo Mariani | Ruben Paul Borg (editor) | Building Industry Consultative Council (BICC) | 978-99957-0-762-0 |
| 110 | Il-Lixka ta' Satana | Nations for Christ | Nations for Christ | 978-99957-0-763-7 |
| 111 | Għidli Mitejn - Tell me 200 - 200 storja ta' 200 kelma | Ġorġ Mallia | Ġorġ Mallia | 978-99957-0-764-4 |
| 112 | The Gozo-Malta Connection: Celebrating 130 years of the first regular mail service and 35 years of Gozo Channel line | Michael Cassar | Michael Cassar | 978-99957-0-765-1 |
| 113 | L-Eroj li ma kienx | Joseph Vella | Joseph Vella | 978-99957-0-766-8 |
| 114 | Bla ħtija | Gino Lombardi | Gino Lombardi | 978-99957-0-767-5 |
| 115 | Bejn tnejn | Josef Borg & Carlston Grima | Joseph Borg & Carlston Grima | 978-99957-0-768-2 |
| 116 | Love & Myths | Antonio Zammit | Antonio Zammit | 978-99957-0-769-9 |
| 117 | Kelmet in-nanniet | Stanley Mangion | Stanley Mangion | 978-99957-0-770-5 |
| 118 | Il-Verita' teħliskom - Is-sitt volum | Patri Damian Cachia O. Carm | Patri Damian Cachia O.Carm | 978-99957-0-771-2 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 119 | Migration in the Mediterranean Human Right, Development and Security Perspectives | Omar Grech and Monika Wohfield | MEDAC | 978-99957-0-772-9 |
| 120 | Il-Kor Jubilate Deo: erbgħin sena ta' ħidma fl-Għalqa tal-Mulej | Christopher Muscat (editor) | Jubilate Deo Choir | 978-99957-0-773-6 |
| 121 | Melita Sacra Vol.III: The Maltese Diocese during the seventeenth century Vol. 3 (first book) | Prof. Vincent Borg | Mgr. Prof. Vincent Borg | 978-99957-0-774-3 |
| 122 | Melita Sacra Vol.III: The Maltese Diocese during the seventeenth century Vol. 2 (second book) | Prof. Vincent Borg | Mgr. Prof. Vincent Borg | 978-99957-0-775-0 |
| 123 | Biex il-kliem ikun sew | Martin Morana | Martin Morana | 978-99957-0-776-7 |
| 124 | Is-soluzzjoni għall-piż ideali ta' Marion Mizzi | Petra Vella | Petra Vella | 978-99957-0-777-4 |
| 125 | il-Purgatorju 360 degrees | Joseph W. Psaila | Joseph W. Psaila | 978-99957-0-778-1 |
| 126 | Pilot Comic Anthology (hash) 4: Mythologies | Audrienne Degiorgio, Fleur Sciortino, Daniel Mercieca, Samwel Mallia, Adam Cassar, Lella Elizabeth Mallia & Adrian Theuma | Pilot Comics | 978-99957-0-779-8 |
| 127 | The Maltese Missionary experience | Giovanni Cutajar | Fr Giovanni Cutajar | 978-99957-0-780-4 |
| 128 | Malta Journal | Martin Bonnici | Martin Bonnici | 978-99957-0-781-1 |
| 129 | The New Temple Dreamers (1st Edition) | Francis Xavier Alosio | Francis Xavier Alosio | 978-99957-0-782-8 |
| 130 | Miżuri ta' Simplifikazzjoni 2014 | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni | 978-99957-0-783-5 |
| 131 | The Malta Police Force | Stephen Busuttil | Stephen Busuttil | 978-99957-0-784-2 |
| 132 | Ir-rigali ta' Nikola | Andrew Borg | Andrew Borg | 978-99957-0-785-9 |
| 133 | The Island was called Melite | Kilin | Rosalie Caruana, Dora Gibson and Cecilia Testa | 978-99957-0-786-6 |
| 134 | The Pleasures of Gardening in the Maltese Islands | Maurice Mizzi | Spiro Mizzi Foundation | 978-99957-0-787-3 |
| 135 | Kulħadd ħalla isem warajh | Clare Azzopardi | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-472-6 |
| 136 | Two | Teodor Reljic | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-473-3 |
| 137 | Aċċess (3et edizzjoni) | Charles Daniel Saliba, Adrian Muscat | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-474-0 |
| 138 | Se jkolli ħija ż-żgħir? Le grazzi! | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-475-7 |
| 139 | Kosmos Express: Il-wikkiel tal-pjaneti | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-476-4 |
| 140 | Par widnejn kbar | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-477-1 |
| 141 | It-tifel-dragun: L-ewwel fjamma | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-478-8 |
| 142 | L-investigazzjonijiet ta' Arkimeda Lapsi: Din iċ-cajta min għamilha? | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-479-5 |
| 143 | Merħba fir-rifuġju ta' Kobikisa! | Loranne Vella (trad.) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-480-1 |
| 144 | Senduq Kuluri Aħdar (edizzjoni 2014) | Clare Azzopardi (editur) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-481-8 |
| 145 | Senduq Kuluri Oranġjo (edizzjoni 2014) | Clare Azzopardi (editur) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-482-5 |
| 146 | A Miracol Mostrare Vol. 1 (it-tieni edizzjoni) | Mario Vella (editur) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-483-2 |
| 147 | A Miracol Mostrare Vol. 2 (it-tieni edizzjoni) | Mario Vella (editur) | Merlin Publishers Ltd | 978-99909-1-484-9 |
